

Brussell, 7 ta' Lulju 2023  
(OR. en)

11427/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0264(BUD)**

---

**FIN 739  
INST 254  
PE-L 24**

**NOTA**

---

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024: Pożizzjoni tal-Kunsill

---

**I. INTRODUZZJONI**

L-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2024 (**AB 2024**) kif propost mill-Kummissjoni Ewropea jammonta<sup>1</sup> għal:

- EUR 189 340.98 miljun f'approprjazzjonijiet **ta' impenn**<sup>2</sup>;
- EUR 143 053.38 miljun f'approprjazzjonijiet **ta' pagament**<sup>2</sup>.

Meta mqabbla mal-baġit għall-2023<sup>3</sup>, dawn l-ammonti jirrappreżentaw żieda ta' +1.4 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn u tnaqqis ta' –15.2 % f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

---

<sup>1</sup> Dawn l-ammonti jinkludu l-approprjazzjonijiet previsti għal strumenti speċjali barra l-QFP.

<sup>2</sup> Li minnhom EUR 1 690 miljun ta' aġġustamenti speċifiċi għall-programm jirriżultaw mill-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-QFP.

<sup>3</sup> Baġits emendatorji Nri 1/ 2023 sa 2/2023 mhux inklużi.

## II. APPROĊ LI TTIEĦED MILL-KUMITAT TAL-BAĠIT

L-AB 2024 ġie eżaminat matul ix-xhur ta' Ġunju u Lulju 2023 fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali biss u billi tqies li l-proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali. Ġie eżaminat ukoll abbażi tal-prinċipji stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2024<sup>4</sup>. B'mod partikolari, l-għan li jiġi żgurat baġitjar prudenti u realistiku, kif ukoll li jiġu pprovduti riżorsi adegwati li jappoġġaw prijoritajiet stabbiliti b'mod ċar, ikkostitwixxew il-prinċipji gwida biex tiġi stabbilita din il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-AB 2024.

Dan wassal lill-Kumitat tal-Baġit biex iwettaq analiżi dettaljata tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għal kull programm u azzjoni skont il-linja baġitarja, sabiex jiżgura:

- kapacià realistika ta' assorbiment;
- aċċellerazzjoni xierqa tal-implimentazzjoni tal-programmi billi jiġu evitati żidiet eċċessivi meta mqabbla mal-2023;
- marġini suffiċjenti taħt il-limiti massimi biex jiġu ttrattati ċirkostanzi mhux previsti.

Ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Baġit huwa rifless fil-proposta biex l-approprjazzjonijiet ta' impenn jiġu aġġustati 'l isfel b'EUR 771.92 miljun. Aġġustamenti mmirati ħafna huma limitati għall-intestaturi 1 (*Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali*), 2 (*Koeżjoni u Valuri*), 3 (*Riżorsi Naturali u Ambjent*), 4 (*Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri*) u 5 (*Sigurtà u Difiża*) u għandhom l-għan li jnaqqsu l-linji li żdiedu meta mqabbla mal-baġit ivvutat għall-2023, sabiex jiġu evitati riskji f'termini ta' kapacià ta' assorbiment.

---

<sup>4</sup> Dok. 7415/23.

Qed jiġi propost ukoll aġġustament immirat għas-subintestatura 2b (*Reżiljenza u Valuri*) għal-linja tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI). Il-proposta tappoġġa approċċ aktar konservattiv, f'konformità ma' bbaġiżjar prudenti, fir-rigward tal-kostijiet ta' finanzjament ta' NextGenerationEU (NGEU). Bl-aġġustament issuġġerit għal-linja EURI l-użu tal-Istrument ta' Marġni Uniku, li ġie propost mill-Kummissjoni għas-subintestatura 2b, mhux ser ikun aktar meħtieġ u ser ikun hemm ukoll tnaqqis fl-użu propost tal-Istrument ta' Flessibbiltà.

Huwa ssuġġerit ukoll aġġustament 'il fuq taħt l-intestatura 6 (*Viċinat u d-Dinja*) fl-Għajjnuna Umanitarja (HUMA) biex jinżamm l-istess livell ta' appoġġ umanitarju bħal fil-baġit ivvutat għall-2023, sabiex ikun hemm rispons għall-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Peress li ma hemm l-ebda marġni disponibbli taħt l-intestatura 6, l-aġġustament propost jitlob użu proporzjonali tal-Istrument ta' Flessibbiltà.

Fir-rigward ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Baġit huwa rifless fil-proposta biex il-livell jiġi aġġustati 'l isfel b'EUR 514.62 miljun. Fl-intestatura 6, huwa propost li jinżamm l-istess livell ta' approprjazzjonijiet bħal fil-baġit ivvutat għall-2023 għal HUMA. It-tnaqqis fil-linja tal-EURI (subintestatura 2b) jirriżulta mill-fatt li din il-linja fiha approprjazzjonijiet mhux differenzjati (NDA). Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-pagamenti hija rreġistrata fl-Addendum 1 għal din in-nota.

Fir-rigward tan-nefqa amministrattiva, huwa ssuġġerit li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi aċċettata bħala tali. Il-Kummissjoni applikat approċċ orizzontali u naqqset il-baġits tal-istituzzjonijiet kollha biex jikkonformaw mal-istruzzjonijiet tagħha. B'dan il-mod, il-Kummissjoni allinjat il-baġits tal-istituzzjonijiet mal-aspettattivi tal-Kunsill, speċjalment fir-rigward ta' livelli stabbli ta' persunal u żieda limitata fin-nefqa mhux relatata mas-salarji. Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-subintestatura 7 (*Amministrazzjoni Pubblika Ewropea*) hija rreġistrata fl-Addendum 1 għal din in-nota.

### III. EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI TAL-KUMITAT TAL-BAĠIT<sup>5, 6</sup>

Abbażi tal-approċċ ta' hawn fuq, intlaħaq qbil dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-AB 2024 li jkun jammonta<sup>7</sup> għal:

- EUR 187 008.20 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn;
- EUR 141 167.37 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

L-ammont totali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament previst fil-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-AB 2024 jikkorrispondi għal 0.80 % tad-dħul nazzjonali gross (DNG) tal-UE.<sup>8</sup>

F'dan ir-rigward, huma ssuġġeriti l-aġġustamenti li ġejjin għall-AB 2024:

#### A. NEFOA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP GĦALL-2021-2027

##### 1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali (intestatura 1 tal-QFP)<sup>9</sup>

- il-ħolqien tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, li jimmira aġġustament totali ta' EUR 230 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2024 imqassma fuq għadd ta' linji baġitarji speċifiċi relatati ma':
  - **01 - Riċerka u Innovazzjoni** (-EUR 178 miljun, li minnhom -EUR 166 miljun fuq *Orizzont Ewropa*, u -EUR 2 miljun fuq il-*Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom* u -EUR 10 miljuni fuq ir-*Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)*),

---

<sup>5</sup> Tabella b'sommarju tal-eżitu tal-proċedimenti tinsab fl-Anness 1 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

<sup>6</sup> Ir-riżultati dettaljati relatati mal-oqsma ta' politika diversi jinsabu fl-Annessi 2 sa 6 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

<sup>7</sup> Dawn l-ammonti jinkludu l-approprjazzjonijiet previsti għal strumenti speċjali barra l-QFP.

<sup>8</sup> Abbażi tal-previżjoni tad-DNG ta' Mejju 2023.

<sup>9</sup> Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2024 fir-rigward ta' ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

- **02 - Investimenti Strateġiċi Ewropej** (-EUR 22.5 miljun, li minnhom -EUR 20 miljun fuq il-*Programm Ewropa Diġitali* u -EUR 2.5 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA)*, l-*Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)*, l-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)* u l-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)*),
  - **03 - Suq Uniku** (-EUR 27.5 miljun, li minnhom -EUR 4 miljuni fuq il-*Kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (FISCALIS)*, -EUR 20 miljun fuq *Kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (CUSTOMS)* u -EUR 3.5 miljuni fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)*, l-*Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)* u l-*Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)*),
  - **04 - Spazju** (-EUR 2 miljuni, fuq l-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA)*);
- jistabbilixxi l-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2024 b'ammont totali ta' EUR 8 miljun bħala konsegwenza tat-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' impenn, relatat ma':
- **02 - Investimenti Strateġiċi Ewropej** (-EUR 2.5 miljun fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA)*, l-*Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)*, l-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)* u l-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)*),

- **03 - Suq Uniku** (-EUR 3.5 miljun fuq aġenziji deċentralizzati, jiġifieri fuq l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)),
  - **04 - Spazju** (-EUR 2 miljuni fuq aġenziji deċentralizzati, jiġifieri fuq l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA));
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-**marġini disponibbli** taħt l-intestatura 1 ikun ta' EUR 396.65 miljun.

## 2. **Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri** (intestatura 2 tal-QFP)<sup>10</sup>

### (a) **Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali** (subintestatura 2a tal-QFP)

- jiġi aċċettat kemm il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagament kif qiegħed (EUR 64 665.20 miljun u EUR 24 155.65 miljun rispettivament);
- il-**marġini disponibbli** taħt is-subintestatura 2a jkun ta' EUR 17.80 miljun, kif propost mill-Kummissjoni.

<sup>10</sup> Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2024 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

(b) Reżiljenza u Valuri (subintestatura 2b tal-QFP)

- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' EUR 612.82 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2024 relatati ma':
  - **06 - Irkupru u Reżiljenza** (-EUR 572.82 miljun fuq il-*Kost ta' finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI)*), sabiex jiġi segwit ibbaġitjar prudenti, filwaqt li nistennew ċifri aktar affidabbli bbażati fuq l-aktar previżjonijiet reċenti dwar talbiet għal pagament għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) li għandhom ikunu disponibbli biss wara s-sajf, kif ukoll fuq l-evoluzzjoni tar-rati tal-imgħax li suppost jieħdu pass aktar bil-mod milli fil-bidu tas-sena,
  - **07 - Investiment fin-Nies, fil-Koeżjoni Soċjali u fil-Valuri** (-EUR 40 miljun fuq *Ewropa Kreattiva*);
- jistabbilixxi l-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2024 b'ammont totali ta' EUR 572.82 miljun bħala konsegwenza tat-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' impenn, relatat ma':
  - **06 - Irkupru u Reżiljenza** (-EUR 572.82 miljun fuq il-*Kost ta' finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI)*);

- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- peress li ma jkun hemm **ebda marġni** disponibbli taħt is-subintestatura 2b, huwa ssuġġerit li l-Istrument ta' Flessibilità jiġi mobilizzat għal ammont ta' EUR 1 095.35 miljun (-EUR 240 miljun). Konsegwenza tal-aġġustamenti proposti tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn tas-subintestatura 2b, l-użu tal-Istrument ta' Marġini Uniku mitlub fl-AB 2024 m'għadux meħtieġ.

### 3. **Riżorsi Naturali u Ambjent** (intestatura 3 tal-QFP)<sup>11,12</sup>

- l-istabiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' EUR 10 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2024, relatati ma':
  - **09 - Ambjent u Azzjoni Klimatika** (-EUR 10 miljuni, li minnhom -EUR 5 miljuni fuq il-*Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)* u -EUR 5 miljuni fuq *aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija Ewropea għall-Ambjent(EEA)*);

<sup>11</sup> Eżami ulterjuri tal-proposta ser isir fil-kuntest tal-ittra emendatorja annwali li taġġorna l-ħtiġijiet stmati u l-approprjazzjonijiet għan-nefqa agrikola, kif tinsab fid-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament irreġistrata fl-Addendum 1 għal dan id-dokument.

<sup>12</sup> Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2024 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

- il-ħolqien tal-livell tal-appropriazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-appropriazzjonijiet mitluba fl-AB 2024 b'ammont totali ta' EUR 5 miljun bħala konsegwenza tat-tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' impenn, relatati ma':
  - **09 - Ambjent u Azzjoni Klimatika** (-EUR 5 miljun fuq aġenziji deċentralizzati, jiġifieri fuq l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA));
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-marġini disponibbli taħt l-intestatura 3 ikun ta' EUR 70.11 miljun.

#### 4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri (intestatura 4 tal-QFP)<sup>13</sup>

- l-istabbiliment tal-livell ta' appropriazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' EUR 20 miljun fl-appropriazzjonijiet mitluba fl-AB 2024, relatati ma':
  - **11 - Ġestjoni tal-Fruntieri** (-EUR 20 miljun fuq aġenziji deċentralizzati, jiġifieri fuq l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX));
- l-istabbiliment tal-livell ta' appropriazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-appropriazzjonijiet mitluba fl-AB 2024 b'ammont totali ta' EUR 20 miljun, relatati ma':
  - **11 - Ġestjoni tal-Fruntieri** (-EUR 20 miljun fuq aġenziji deċentralizzati, jiġifieri fuq l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX));

<sup>13</sup> Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2024 fir-rigward ta' ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-**marġini disponibbli** taħt l-intestatura 4 ikun ta' EUR 143.29 miljun.

## 5. **Sigurtà u Difiża** (intestatura 5 tal-QFP)<sup>14</sup>

- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' EUR 17 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2024, relatati ma':
  - **12 - Sigurtà** (-EUR 7 miljun fuq aġenziji deċentralizzati, jiġifieri fuq iċ-*Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)*),
  - **13 - Difiża** (-EUR 10 miljun fuq il-*Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura*);
- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2024 b'ammont totali ta' EUR 7 miljun, relatati ma':
  - **12 - Sigurtà** (-EUR 7 miljun fuq aġenziji deċentralizzati, jiġifieri fuq iċ-*Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)*);
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- peress li ma jkun hemm **ebda marġni** disponibbli taħt l-intestatura 5, huwa ssuġġerit li l-Istrument ta' Flessibilità jiġi mobilizzat, f'konformità mal-proposta "EDIRPA" minn Lulju 2022, għal ammont ta' EUR 283.18 miljun (-EUR 17-il miljun).

<sup>14</sup> Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2024 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

## 6. Viċinat u d-Dinja (intestatura 6 tal-QFP)<sup>15</sup>

- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' żieda totali ta' EUR 117.90 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2024, relatati ma':
  - **14 - Azzjoni Esterna** (+ EUR 117.90 miljun fuq *Għajjnuna umanitarja (HUMA)*);
- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, b'żieda tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2024 b'ammont totali ta' EUR 98.20 miljun, relatati ma':
  - **14 - Azzjoni Esterna** (+EUR 98.20 miljun fuq *Għajjnuna umanitarja (HUMA)*);
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- peress li ma jkun hemm **ebda marġni** disponibbli taħt l-intestatura 6, huwa ssuġġerit li l-Istrument ta' Flessibbiltà jiġi mobilizzat għal ammont ta' EUR 117.90 miljun.

## 7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea (intestatura 7 tal-QFP)<sup>16</sup>

### (a) Taqsimi I - Parlament Ewropew

Għall-**Parlament Ewropew**, huwa ssuġġerit li l-AB 2024 (Taqsimi I) jiġi approvat kif inhu (EUR 2 354.86 miljun).

---

<sup>15</sup> Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2024 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 għal dan id-dokument.

<sup>16</sup> L-ammonti jeskludu l-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjonijiet għall-Iskejjel Ewropej (Tip 2).

**(b) Taqsimha II - Kunsill Ewropew u Kunsill**

Għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, huwa ssuġġerit li l-AB 2024 (Taqsimha II) jiġi approvat kif inhu (EUR 676.84 miljun).

**(c) Taqsimha III - Kummissjoni Ewropea**

Għan-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni Ewropea (inkluż il-PO, l-OLAF, l-EPSCO, il-PMO, l-OIB u l-OIL) huwa ssuġġerit li l-AB 2024 (Taqsimha II) jiġi approvat kif inhu (EUR 4 221.45 miljun).

L-ammont globali ta' EUR 2 812.625 miljun għal **Skejjel u Pensjonijiet Ewropej** huwa aċċettat kif inhu fl-AB 2024.

***Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (OP)***

Għall-Parlament Ewropew huwa ssuġġerit li l-AB 2024 jiġi approvat kif inhu (EUR 120.45 miljun).

***Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)***

Għall-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal, huwa ssuġġerit li l-AB 2024 jiġi approvat kif inhu (EUR 27.72 miljun).

***Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Flas tal-Intitolamenti Individwali (PMO)***

Għall-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Flas tal-Intitolamenti Individwali huwa ssuġġerit li l-AB 2024 jiġi approvat kif inhu (EUR 53.83 miljun).

***Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell (OIB)***

Għall-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell huwa ssuġġerit li l-AB 2024 jiġi approvat kif inhu (EUR 94.67 miljun).

*Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fil-Lussemburgu (OIL)*

Għall-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fil-Lussemburgu huwa ssuġġerit li l-AB 2024 jiġi approvat kif inhu (EUR 31.73 miljun).

*Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)*

Għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, huwa ssuġġerit li l-AB 2024 jiġi approvat kif inhu (EUR 67.18 miljun).

**(d) Taqsimha IV - Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

Għall-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea huwa ssuġġerit li l-AB 2024 (Taqsimha IV) jiġi approvat kif inhu (EUR 502.44 miljun).

**(e) Taqsimha V - Qorti Ewropea tal-Awdituri**

Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri huwa ssuġġerit li l-AB 2024 (Taqsimha V) jiġi approvat kif inhu (EUR 184.80 miljun).

**(f) Taqsimha VI - Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

Għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew huwa ssuġġerit li l-AB 2024 (Taqsimha VI) jiġi approvat kif inhu (EUR 164.95 miljun).

**(g) Taqsimha VII - Kumitat Ewropew tar-Reġjuni**

Għall-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni huwa ssuġġerit li l-AB 2024 (Taqsimha VII) jiġi approvat kif inhu (EUR 121.88 miljun).

**(h) Taqsimha VIII - Ombudsman Ewropew**

Għall-Ombudsman Ewropew huwa ssuġġerit li l-AB 2024 (Taqsimha VIII) jiġi approvat kif inhu (EUR 13.67 miljun).

(i) **Taqsim IX -Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

Għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data huwa ssuġġerit li l-AB 2024 (Taqsim IX) jiġi approvat kif inhu (EUR 23.92 miljun).

(j) **Taqsim X - Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**

Għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna huwa ssuġġerit li l-AB 2024 (Taqsim X) jiġi approvat kif inhu (EUR 872.20 miljun).

Fir-rigward tal-**livelli tal-persunal**, huwa ssuġġerit li l-istituzzjonijiet kollha jaċċettaw il-pjanijiet ta' stabbiliment fl-AB 2024 kif propost mill-Kummissjoni;

Peress li ma jkun hemm **ebda marġni** disponibbli taħt l-intestatura 7, huwa ssuġġerit li jiġi mobilizzat l-Istrument ta' Marġini Uniku għal ammont totali ta' EUR 176.6 miljun, li minnhom EUR 131.00 miljun għan-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet u EUR 45.62 miljun għall-pensjonijiet tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha, biex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jħarsu l-obbligi legali tagħhom, kif propost mill-Kummissjoni.

**B. STRUMENTI SPEĊJALI**

Huwa ssuġġerit li jinżammu l-appropriazzjonijiet imdaħħla fl-AB 2024 għar-Riżerva ta' Solidarjetà u ta' Għajnuna ta' Emerġenza, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit.

L-appropriazzjonijiet ta' impenn imdaħħla fl-AB 2024 għall-Istrument ta' Flessibbiltà huma stabbiliti għal EUR 1 496.43 miljun (-EUR 139.1 miljun) u għall-Istrument ta' Marġini Uniku għal EUR 176.62 miljun (-EUR 372.82 miljun). L-appropriazzjonijiet ta' pagament għat-tnejn li huma jinżammu kif inhuma fl-AB 2024.

**C. DĦUL**

Fir-rigward tad-dħul, huwa ssuġġerit li l-AB 2024 jiġi aċċettat wara l-aġġustamenti tekniċi li jirriżultaw mill-bidliet magħmula fir-rigward tan-nefqa fil-pożizzjoni tal-Kunsill.

**D. ASPETTI ĠENERALI OĦRA**

**1. Kummenti baġitarji**

Hu ssuġġerit li l-kummenti baġitarji li jinsabu fl-AB 2024 jiġu allinjati mal-bidliet li saru fin-nefqa fil-pożizzjoni tal-Kunsill u b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għall-finanzjament tal-korpi differenti tal-UE.

**2. Nomenklatura**

Rigward in-nomenklatura, hu ssuġġerit li jiġi aċċettat l-AB 2024.

**3. Bażijiet legali**

Qed tingħata attenzjoni speċjali biex issir konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali fir-rigward tal-bażijiet legali.

#### IV. KONKLUŻJONI

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar:
  - l-eżitu tal-proċedimenti kif jinsab fil-punt III hawn fuq,
  - l-għoti ta' mandat lill-Presidenza biex tippreżenta l-pożizzjoni tal-Kunsill flimkien mal-memorandum ta' spjegazzjoni lill-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 314(3) TFUE, u biex tapprova l-abbozz ta' ittra li tinsab fl-ANNEXS għal dak il-għan,
  - li jiġi propost li l-Kunsill idaðħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjonijiet irreġistrati fl-Addendum 1 għal dan id-dokument,
  - li jordna l-pubblikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* kif tinsab fid-dokument 11428/23;
- jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 12(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1242<sup>17</sup>, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tiegħu.

---

<sup>17</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1242 tat-18 ta' Lulju 2022 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 190, 19.7.2022, p. 137).

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

Għandek issib separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 kif adottata mill-Kunsill.

(Formula ta' għeluq)

---